Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

26 ta' Lulju 2013

**Is-Seba' Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar it-Tnejn 5 ta' Awwissu 2013 fis-6.00pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajjma fil-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Skema ta' għajnuna finanzjarja għal *streaming* tal-laqgħat *on-line*
6. Aġġornament - Proġett PIM EnergEthica
7. Sejħa Nru. 2/2013 – Servizz ta' Tindif f'Toroq Urbani
8. Sejħa Nru. 4/2013 – Servizz ta' Kustodju għall-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ
9. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għal Servizz ta' Manutenzjoni ta' Sinjali u Tabelli tat-Traffiku
10. Mozzjoni dwar l–Installazzjoni ta' Sistema CCTV fiċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni parti mill-Heritage Trail ta' Selmun/Imġiebaħ
11. Proċess ta' konsultazzjoni dwar l-Pjan Lokali
12. Pubblikazzjoni – *Wartime Mellieħa – The Role of the Village in the Second World War*
13. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2013

Materji Oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

D:\Council Agendas\7th Council\Agd7_07.doc

**MOZZJONIJIET**

9. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

"Billi l-kuntratt li jipprovdi għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku skada fil-31 ta' Marzu 2013 u għalhekk saret sejħa għall-offerti (3/2013) skond l-Artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), ir-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 255 ta' l-2009, u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);

Billi saret rakkomandazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* sabiex l-offerent B. Grima & Sons jingħata l-kuntratt in kwistjoni skont il-minuti tal-istess bord tal-25 ta' Lulju 2013; u

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2013 hemm ivvutati somom ta` flus intiżi għall-manutenzjoni u introduzzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' tliet snin b'effett mill-1 ta' Settembru 2013 mal-offerent B. Grima & Sons Ltd, li offra s-servizzi tiegħu bir-rati ndikati fid-dokument ta' l-offerta.". (K/6/4/Vol III)

| | |
|---|---|
| John Buttigieg – Sindku | Emvin Bartolo - Kunsillier |
| **Proponent** | **Sekondant** |

10. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:

"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €389,401 taħt il-Miżura 323, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;

Billi skont permess mogħti mill-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, għandha tiġi nstallata sistema CCTV fiċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni li jifforma parti mill-Heritage Trail f'Selmun/Imġiebaħ; u

Billi saret sejħa għall-offerti (5/2013) skont l-Artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jiġi nstallat l-appart imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* skont il-minuti tal-istess bord tal-25 ta' Lulju 2013;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt relattiv għandu jigi ffirmat mal-offerent VSS Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol III)

| | |
|---|---|
| Clayton Bartolo – Viċi Sindku | Dario Vella |
| **Proponent** | **Sekondant** |